# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK

ippreżentati fis-26 ta' Ottubru 2010[1]

## I — Introduzzjoni

1. It-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (iktar 'il quddiem, il-"qorti tar-rinviju") għamel lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 234 KE[2], domanda preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[3].

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari saret fil-kuntest ta' kwistjoni bejn Maria Socorro Martin (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fil-kawża prinċipali), li kienet impjegata sa dak iż-żmien mal-kumpannija tat-tindif CLECE SA (iktar 'il quddiem"CLECE") u l-Ayuntamiento de Cobisa (il-Komun ta' Cobisa), li kellha bħala suġġett it-talbiet tal-persuna kkonċernata msemmija bbażati fuq ir-relazzjoni ta' impjieg li kellha qabel ma' CLECE. Bir-rikors tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkontesta t-tkeċċija mix-xogħol tagħha, li fil-fehma tagħha saret b'mod illegali, fejn invokat f'dan ir-rigward, fost oħrajn, id-drittijiet li d-Direttiva 2001/23 tagħti lill-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriża.

3. Permezz tad-domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju qed titlob essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara jekk id-Direttiva 2001/23 tapplikax fil-każ fejn amministrazzjoni Komunali li qabel kienet qabbdet kumpannija privata sabiex tnaddaf il-bini tagħha, ixxolji mbagħad dan il-kuntratt sabiex twettaq hija dan ix-xogħol billi timpjega għal dan il-għan persunal esklużivament ġodda. Mill-aspett legali, qamet il-kwistjoni dwar il-portata tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi att leġiżlattiv tal-Unjoni, fid-dawl tal-fatt li f'dan il-kuntest il-Qorti tal-Ġustizzja trid qabel xejn tistabbilixxi jekk ir-rekwiżit dwar il-fatt li trid tinżamm l-istess entità ekonomika sabiex ikun hemm trasferiment ta' impriża jew ta' negozju huwiex sodisfatt anki fil-każ fejn ma jirriżultax li kien hemm trasferiment ta' elementi tal-attiv u lanqas ta' impjegati, iżda

1 — Lingwa oriġinali: il-ĠermanižLingwa tal-kawża: l-Ispanjol

2 — Wara t-Trattat ta' Lisbona, tat-13 ta' Diċembru 2007, li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU C 306, p. 1), il-proċedura għal deċiżjoni preliminari hija llum irregolata mill-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 98.

fejn it-"trasferiment" bħala tali jikkonsisti biss fit-tkomplija tal-funzjonijiet.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt tal-Unjoni*[4]

4. Id-Direttiva 2001/23 tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[5], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998[6].

5. Skont il-premessa 3 tad-Direttiva 2001/23, "Huwa neċessarju li jigi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati".

6. Il-premessa 8 tal-istess direttiva tipprovdi kif ġej:

"Il-konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u trasparenza legali kienu jeħtieġu li l-kunċett legali ta' trasferiment għandu jiġi ċċarat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din il-kjarifika ma biddlitx il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187/KEE skond kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja".

7. L-Artikolu 1(1) tal-istess direttiva jaqra kif ġej:

"(a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

(b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le.

(ċ) Din id-Direttiva għandha tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma

4 — Skont it-terminoloġija użata fit-TUE u fit-TFUE, l-espressjoni "dritt tal-Unjoni" ser tintuża hawnhekk bħala kunċett globali li jinkludi d-dritt Komunitarju u d-dritt tal-Unjoni. Fil-każijiet fejn, iktar 'il quddiem, ikunu rilevanti dispożizzjonijiet individwali tad-dritt primarju, ser jiġu indikati d-dispożizzjonijiet rilevanti *ratione temporis*.

5 — ĠU L 61, p. 26.

6 — ĠU L 201, p. 88.

involuti f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk jaħdmu għall-qligħ kemm jekk le. Ir-riorganizzazzjoni amministrattiva ta' l-awtoritajiet pubbliċi amministrattivi, jew it-trasferiment ta' funzjonijiet amministrattivi bejn awtoritajiet pubbliċi amministrattivi, mhijiex trasferiment fissens ta' din id-Direttiva".

8. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 jaqra kif ġej:

"Id-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment".

9. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva jipprovdi għal dan li ġej:

"It-trasferiment ta' l-impriża, n-negozju jew xi parti mill-impriza jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixixi bażi għal tkeċċija minn min jagħmel it-trasferiment jew minn min lilu jsir it-trasferiment. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tkun ta' xkiel għal tkeċċijiet li jistgħu iseħħu għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' l-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu".

B — *Id-dritt nazzjonali*

1. Leġiżlazzjoni

10. L-Artikolu 44 tal-Ley del Estatuto de los Trabajadores tal-24 ta' Marzu 1995 (iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Impjegati"), li jittrasponi d-Direttiva 2001/23, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, dan li ġej:

"It-trasferiment ta' impriża, ta' ċentru tax-xogħol jew ta' unità ta' produzzjoni awtonoma ta' din l-impriża ma jtemmx, fih innifsu, ir-relazzjoni ta' impjieg; il-persuna ġdida li tħaddem tiġi ssurrogata fid-drittijiet u fl-obbligi tal-persuna li tħaddem preċedenti rigward il-kuntratt ta' impjieg u s-sigurtà soċjali, inklużi l-obbligi rigward il-pensjonijiet, taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni speċifika applikabbli u, b'mod ġenerali, fl-obbligi kollha addizzjonali fil-qasam tal-protezzjoni soċjali li jkun daħal għalihom min jagħmel it-trasferiment".

11. Il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 44 jistabbilixxi li "għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm trasferiment ta' impriża meta t-trasferiment ikollu bħala suġġett entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le"; din id-definizzjoni tikkorrispondi

għal dik li tinsab fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2001/23.

2. Il-Ftehim Kollettiv

12. L-Artikolu 14 tal-Ftehim kollettiv fis-settur tat-tindif ta' bini u postijiet tal-provinċja ta' Toledo, ippubblikat fil-*Boletín Oficial de la Provincia de Toledo*, Nru 269 tat-22 ta' Novembru 2005, jipprevedi dan li ġej:

"Fil-każ li impriża, li fiha s-servizz ta' tindif kien isir minn impriża kontraenti, tassumi personalment ir-responsabbiltà sabiex twettaq tali servizz, ma hijiex obbligata żżomm l-impjegati li qabel kienu jagħmlu dan ix-xogħol għad-ditta msemmija, meta hija tagħmel dan ix-xogħol ta' tindif permezz ta' impjegati tagħha stess; min-naħa l-oħra, l-impriża inkwistjoni hija obbligata timpjega lill-impjegati inkwistjoni meta, għal dan is-servizz ta' tindif, tkun trid timpjega nies ġodda".

## III — Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet ilha taħdem bħala impjegata ma' CLECE mill-25 ta' Marzu 2004 bħala persuna responsabbli għat-tindif. Hija kienet tagħmel xogħolha fil-bini tal-Ayuntamiento de Cobisa (Toledo), u dan abbażi tal-kuntratt konkluż fis-27 ta' Mejju 2003 bejn iż-żewġ partijiet konvenuti, li jirrigwarda l-provvista ta' servizzi ta' tindif fl-iskejjel u fil-bini muniċipali. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li għat-twettiq ta' dan ix-xogħol ma kienx jintuża tagħmir partikolari.

14. Wara li ġġedded il-kuntratt, fid-9 ta' Novembru 2007, l-Ayuntamiento bagħat lil CLECE, il-parti konvenuta l-oħra, l-avviż tax-xoljiment ta' dan il-kuntratt ta' provvista ta' servizzi ta' tindif b'effett mill-31 ta' Diċembru 2007. Fit-2 ta' Jannar 2008, CLECE informat lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, hija kienet ser tifforma parti mill-persunal tal-Ayuntamiento, inkwantu din l-entità kienet rebħet il-kuntratt għat-twettiq ta' xogħol ta' tindif fil-bini tal-istess Ayuntamiento. Din l-entità kellha tiġi surrogata fid-drittijiet u obbligi kollha li sa dakinhar kienu jirregolaw ir-relazzjoni ta' impjieg tagħha, u dan skont ma kien jgħid il-Ftehim Kollettiv, li kien fis-seħħ, li jirrigwarda x-xogħol ta' tindif tal-bini u postijiet tal-provinċja ta' Toledo.

15. Fit-2 ta' Jannar 2008, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali marret għax-xogħol fil-bini

tal-Ayuntamiento, fejn pero' ma tħallietx tagħmel xogħolha. CLECE ma bagħtitha f'ebda post tax-xogħol ieħor. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta barra minn hekk li, fl-10 ta' Jannar 2008, l-Ayuntamiento, konvenut ukoll, daħħal jaħdmu miegħu ħames impjegati għat-tindif tal-bini tiegħu u dan permezz tal-intervent ta' ċentru għat-tfittix tax-xogħol imwaqqaf fil-21 ta' Jannar 2007.

16. Wara r-rikors ippreżentat mill-persuna kkonċernata kontra CLECE u kontra l-Ayuntamiento de Cobisa minħabba tkeċċija inġusta, il-Juzgado de lo Social N° 2 de Toledo ta sentenza li biha rrikonoxxa li l-Komun ma kellux *locus standi* u laqa' t-talba kif diretta kontra CLECE, il-parti konvenuta l-oħra, fejn iddikjara li t-tkeċċija kienet inġusta u kkundanna lil din l-impriża sabiex tagħżel jew li terġa' timpjega lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali taħt il-kundizzjonijiet li kienu fis-seħħ qabel it-tkeċċija tagħha jew inkella li tħallasha kumpens ta' EUR 6 507,10, bl-obbligu, fiż-żewġ każijiet, li tħallas lill-persuna kkonċernata l-pagi li hija tilfet matul il-proċeduri.

17. Fis-26 ta' Diċembru 2008, l-impriża msemmija appellat kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju. B'dan l-appell CLECE ssostni, essenzjalment, li l-Ayuntamiento ġie ssurrogat fir-relazzjoni ta' impjieg mar-rikorrenti fil-kawża prinċipali skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim Kollettiv dwar ix-xogħol ta' tindif tal-bini u postijiet tal-provinċja ta' Toledo, kif moqri flimkien mal-Artikolu 44 tal-Istatut tal-Impjegati u flimkien mal-ġurisprudenza ċċitata mill-istess appellanti.

18. Il-qorti tar-rinviju, fid-digriet tagħha, esprimiet dubji dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23 għall-każ ineżami. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Każ fejn kunsill lokali jieħu lura jew jieħu f'idejh l-attività ta' tindif tad-diversi bini tiegħu, li preċedentement kienet ipprovduta minn impriża kontraenti, u li għalih il-kunsill lokali impjega persunal ġdid, għandu jitqies li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23/KE, kif iddefinit mill-Artikolu 1(1)(a) u (b) tagħha?"

## IV — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Id-digriet tar-rinviju tal-20 ta' Ottubru 2009 wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Novembru 2009.

20. Il-Gvern tar-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu previst fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

21. Peress li ħadd ma talab li ssir seduta, wara l-laqgħa ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Awwissu 2010, il-kawża kienet waslet fi stadju fejn setgħu jiġu fformulati dawn il-konklużjonijiet.

## V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

22. Il-*Gvern Spanjol* isostni li sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23, minkejja li t-tkomplija, jew aħjar it-teħid lura tal-attività ta' tindif, strettament, ma tistax tiddaħħal taħt il-kunċett ta' trasferiment fis-sens proprju tad-dritt kummerċjali.

23. Fil-fehma tiegħu, fil-każ ineżami l-Ayuntamiento ma kellux persunal biżżejjed sabiex iwettaq ix-xogħol ta' tindif fil-bini tiegħu u għaldaqstant kellu jimpjega nies ġodda. F'każ bħal dan għandha tapplika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iktar u iktar meta ma hemmx dubju fuq dan li ġej: li rriżulta li kien hemm trasferiment ta' funzjonijiet minn CLECE lill-Ayuntamiento; li hemm l-istess għan involut, jiġifieri l-provvista ta' servizzi ta' tindif; li l-Ayuntamiento għandu struttura organizzattiva stabbli u awtonoma, minkejja li l-għanijiet tiegħu huma iktar wiesgħa minn sempliċi servizz ta' tindif u huma aċċessorji meta mqabbla mal-għanijiet prinċipali ta' amministrazzjoni Komunali; u, fl-aħħar nett, li l-impjegati tal-impriża ċedenti huma limitati għall-persunal tagħha.

24. Min-naħa l-oħra, il-*Kummissjoni* ssostni li d-Direttiva 2001/23 ma tapplikax fil-każ fejn l-Ayuntamiento, li qabel kien ta r-reponsabbiltà tat-tindif tal-bini tiegħu lil impriża privata, ixolji l-kuntratt u jipprovdi personalment huwa stess sabiex isir dan ix-xogħol ta' tindif, mentri l-Komun imsemmi ma jiħux lura parti sostanzjali, mill-perspettiva ta' numru u ta' kompetenza, mill-impjegati li l-impriża privata kienet allokat għat-twettiq tax-xogħol inkwistjoni.

25. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat f'diversi okkażjonijiet li fis-settur tat-tindif jista' jkun hemm trasferiment fil-każ fejn il-prinċipal il-ġdid, apparti milli jkompli bis-servizz ta' tindif, jieħu lura parti mill-persunal użat mill-predeċessur tiegħu, u dan dejjem jekk it-teħid lura tal-impjegati jkun jolqot parti sostanzjali, mill-perspettiva ta' numru u kompetenza, mill-impjegati li dan tal-aħħar kien alloka għal dan ix-xogħol [7].

7 — Sentenzi tal-11 ta' Marzu 1997, Süzen (C-13/95, Ġabra p. I-1259, punt 23); tal-10 ta' Diċembru 1998, Hernández Vidal *et* (C-127/96, C-229/96 u C-74/97, Ġabra p. I-8179, punt 32), u tal-24 ta' Jannar 2002, Temco (C-51/00, Ġabra p. I-969, punt 33).

26. Skont il-Kummissjoni, id-digriet tar-rinviju ma jippreċiżax jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kinitx l-unika ħaddiema impjegata minn CLECE fil-bini tal-Ayuntamiento. Peress li l-istess Ayuntamiento impjega ħames ħaddiema sabiex jagħmlu x-xogħol li qabel kien isir mill-impriża kontraenti, jidher li huwa possibbli li CLECE tuża għadd simili ta' impjegati. Fi kwalunkwe każ, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li ħadd mill-impjegati preċedenti ma baqa' impjegat u li għat-tindif tal-bini tiegħu, l-Ayuntamiento kien impjega minflok ħames impjegati ġodda permezz tal-intervent ta' ċentru għat-tfittix tax-xogħol. Fil-fehma tal-Kummissjoni, fid-dawl ta' dawn il-fatti, ma kienx hemm trasferiment ta' "entità ekonomika", u għaldaqstant ma hemmx "trasferiment" fis-sens tad-Direttiva 2001/23.

## VI — Kunsiderazzjonijiet

### A — *Osservazzjonijiet preliminari*

27. Permezz tad-Direttiva 77/187 – li hija l-leġiżlazzjoni preċedenti għad-Direttiva 2001/23 – ġiet żviluppata għall-ewwel darba fuq livell sopranazzjonali, sistema ta' protezzjoni eżawrjenti intiża li tiggarantixxi d-drittijiet tal-impjegati li r-relazzjonijiet ta' impjieg tagħhom ikunu milquta bi trasferiment ta' impriża, ta' negozju jew ta' parti min-negozju. Id-Direttiva, li twassal għal armonizzazzjoni parzjali tal-liġijiet nazzjonali fil-qasam tar-relazzjonijiet tax-xogħol individwali, tipprevedi essenzjalment li d-drittijiet u l-obbligi tal-persuna ċedenti, li jkunu jirriżultaw minn kuntratt ta' impjieg jew minn relazzjoni ta' xogħol eżistenti fil-mument tat-trasferiment, iridu jgħaddu għand iċ-ċessjonarju minħabba dan it-trasferiment. Id-Direttiva hija intiża li tiżgura, sa fejn huwa possibbli, li r-relazzjoni tax-xogħol maċ-ċessjonarju tkompli bla tibdil u dan sabiex jiġi evitat li l-impjegati involuti fit-trasferiment ta' impriża jiġu ttrattati b'mod sfavorevoli minħabba biss dan it-trasferiment [8]. Apparti din il-protezzjoni tal-impjegati ispirata mill-eżiġenzi ta' politika soċjali, id-Direttiva 77/187, li hija bbażata fuq il-bażi legali tal-Artikolu 94 KE, kienet intiża li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq komuni, inkwantu fil-fehma tal-leġiżlatur, l-eżistenza ta' differenza fil-livelli ta' protezzjoni tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi jew ta' negozji fi ħdan l-Istati Membri seta' jikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ.

8 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-18 ta' Marzu 1986, Spijkers (C-24/85, Ġabra p. 1119, punti 11 u 12); tal-11 ta' Lulju 1985, Foreningen af Arbejdsledere i Danmark (105/84, Ġabra p. 2639, punt 26); tal-10 ta' Frar 1988, Daddy's Dance Hall (324/86, Ġabra p. 739, punt 9); tal-25 ta' Lulju 1991, D'Urso *et* (C-362/89, Ġabra p. I-4105, punt 9); tas-16 ta' Diċembru 1992, Katsikas *et* (C-132/91, C-138/91 u C-139/91, Ġabra p. I-6577, punt 21); tat-12 ta' Novembru 1998, Europièces (C-399/96, Ġabra p. I-6965, punt 37); tal-15 ta' Diċembru 2005, Güney-Görres u Demir (C-232/04 u C-233/04, Ġabra p. I-11237, punt 31); tad-9 ta' Marzu 2006, Werhof (C-499/04, Ġabra p. I-2397, punt 25); tas-27 ta' Novembru 2008, Juuri (C-396/07, Ġabra p. I-8883, punt 28), tat-12 ta' Frar 2009, Klarenberg (C-466/07, Ġabra p. I-803, punt 40) u tad-29 ta' Lulju 2010, UGT-FSP (C-151/09, Ġabra p. I-7591, punt 40).

28. Id-Direttiva 77/187 ġiet spiss interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod partikolari, minħabba l-għadd kbir ta' sentenzi li tat din tal-aħħar, il-leġiżlatur daħħal, permezz tad-Direttiva 98/50, tibdil sinjifikattiv għad-Direttiva 77/187, fejn addatta t-test tagħha għall-ġurisprudenza. Finalment, minħabba raġunijiet ta' ċarezza, id-Direttiva 77/187 ġiet rikodifikata mingħajr tibdil sostanzjali, fid-Direttiva 2001/23. Proprju minħabba dan id-djalogu kostruttiv bejn il-leġiżlatur tal-Unjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja fuq id-definizzjoni tad-dritt tax-xogħol tar-relazzjonijiet individwali – li sar fil-kuntest tal-kompetenzi istituzzjonali rispettivi – il-ġurisprudenza preċedenti li kienet tirrigwarda d-direttiva sostitwita tirriżulta li hija għajnuna prezzjuża sabiex wieħed jidentifika s-sens u l-għan tad-dispożizzjonijiet individwali tad-Direttiva 2001/23. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-istess Direttiva 2001/23 li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha, li l-interpretazzjoni tagħhom hija s-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

B — *Analiżi tad-domanda preliminari*

1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

29. Dan ir-rinviju preliminari huwa intiż sabiex tinkiseb mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja deċiżjoni dwar jekk il-fatti tal-kawża prinċipali jissodisfawx ir-rekwiżiti leġiżlattivi kkontemplati fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2001/23 u għaldaqstant jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-istess direttiva. Madankollu, fil-fatt, permezz tad-domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf effettivament jekk fil-kawża prinċipali kienx hemm "trasferiment ta' negozju" fis-sens tad-direttiva msemmija. Għandu jitfakkar f'dan ir-rigward li bis-saħħa tar-relazzjoni ta' kooperazzjoni li tikkaratterizza l-proċedura tar-rinviju preliminari, fil-prinċipju, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi, fid-dawl tad-dritt Komunitarju u r-regoli ta' traspożizzjoni nazzjonali relattivi, jekk jirriżultax li huma sodisfatti r-rekwiżiti sabiex f'każ partikolari jingħad li hemm trasferiment. Għaldaqstant, b'konformità ma' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat fil-ġurisprudenza tagħha [9] li, f'dik l-analiżi, il-qorti nazzjonali trid tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw l-operazzjoni inkwistjoni u għandha tagħmel evalwazzjoni globali tal-aspetti parzjali individwali kollha.

30. Min-naħa l-oħra, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali, permezz tal-interpretazzjoni, bil-kriterji kollha rilevanti li jippermettulha tagħmel din l-evalwazzjoni. Madankollu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza relattiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħmel użu estensiv mill-kompetenza ta' interpretazzjoni tagħha bil-għan li tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'soluzzjoni utli li twassal sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni li tkun pendenti quddiemha,

9 — Sentenza tas-26 ta' Settembru 2000, Mayeur (C-175/99, Ġabra p. I-7755, punt 52).

billi pereżempju, tagħti interpretazzjoni tal-kriterji ċċitati marbuta mal-każ speċifiku u billi teżamina aspetti individwali tas-sitwazzjoni ta' fatt li tkun tressqet quddiemha [10].

31. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali, ser nanalizza issa l-kwistjoni li hija proprju s-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, li tirrigwarda l-applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23 għal sitwazzjoni bħal dik deskritta fid-domanda magħmula.

2. L-applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23

32. Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23, l-applikazzjoni tad-direttiva hija suġġetta għal tliet rekwiżiti: it-trasferiment irid ikun jinvolvi bidla tal-prinċipal, irid jirrigwarda impriża, negozju jew parti minn negozju, u jrid joħroġ minn kuntratt [11].

a) Il-bidla tal-prinċipal li toħroġ minn kuntratt

i) Prinċipal b'kapaċità ta' awtorità pubblika

33. Preliminarjament, għandha titfakkar fil-qosor il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li t-trasferiment ta' attività ekonomika minn persuna ġuridika rregolata bid-dritt privat lil persuna ġuridika rregolata bid-dritt pubbliku taqa', bħala regola, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187 [12]. Din il-konklużjoni tapplika wkoll – kif ġie kkonfermat reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza UGT-FSP [13] – anki wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/23.

34. F'dan il-kuntest għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-Direttiva 77/187 tapplika anki fil-każ fejn Komun, jiġifieri persuna ġuridika rregolata

10 — Fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tillimitax ruħha biex telenka l-kriterji rilevanti biex ikun hemm trasferiment ta' negozju, iżda spiss tinterpreta dawn il-kriterji b'approċċ marbut ma' kull każ individwali. Dan il-fatt jiġi ġustament enfasizzat minn N. Moizard, *Directive transfert et changement de prestataires de services dans la restauration collective*, Revue de jurisprudence sociale, 2004, p. 261 u G. Loibner, *Betriebsübergang bei Auftrags- und Funktionsnachfolge*, Zeitschrift für Arbeitsrecht und Sozialrecht, 2004, p. 135. Ara, pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2003, Abler *et* (C-340/01, Ġabra p. I-14023, punt 36), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-provvista ta' servizz ta' fornimenti tal-ikel għall-isptar ma hijiex attività bbażata essenzjalment fuq ix-xogħol manwali.

11 — Sentenza Temco (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 21).

12 — Sentenza Mayeur (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 29).

13 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 23.

bid-dritt pubbliku li taġixxi fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt amministrattiv, jieħu f'idejh huwa stess servizzi speċifiċi li qabel kienu jitwettqu għall-istess Komun minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, li tkun persuna ġuridika rregolata bid-dritt privat, dejjem jekk l-entità ċeduta żżomm l-identità tagħha [14]. Konsegwentement, is-sempliċi fatt li l-provvista ta' tindif li qabel kienet issir mill-impjegati ta' CLECE għall-Ayuntamiento – awtorità li għandha setgħat pubbliċi – ittieħdet lura minn dan tal-aħħar ma huwiex element li jmur kontra l-applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23. Barra minn hekk, f'din il-kawża lanqas ma jeżistu s-sitwazzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 1(1)(ċ) tal-istess direttiva.

ii) Trasferiment minħabba x-xoljiment tal-kuntratt għas-servizzi ta' tindif

35. Għal dak li jirrigwarda l-modi ta' trasferiment fis-sens tad-direttiva msemmija, għandu jiġi kkonstatat fl-ewwel lok li l-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha tinterpreta l-kunċett ta' "trasferiment [kuntrattwali]" f'sens wiesa', u dan sabiex tissodisfa l-għan tad-direttiva, li huwa dak li tipproteġi lill-impjegati fil-każ ta' trasferiment tal-impriża tagħhom. Skont dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva tapplika f'kull każ fejn fil-kuntest tar-relazzjonijiet tax-xogħol ikun hemm bdil tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mill-impriża, li tassumi l-obbligi tal-prinċipal fil-konfront tal-impjegati tal-impriża stess [15].

36. Bi qbil ma' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jaqgħu dawk il-każijiet fejn impriża, permezz ta' kuntratt, tittrasferixxi lil impriża oħra r-responsabbiltà għat-twettiq ta' xogħlijiet ta' tindif li qabel kienet tagħmel hija stess [16], kif ukoll il-każ fejn prinċipal, li jkun ta kuntratt għat-tindif tal-postijiet tiegħu lil xi impriża, ixolji l-kuntratt minn magħha u jikkonkludi wieħed ġdid ma' impriża oħra għall-fini tat-twettiq ta' servizzi simili [17].

37. Madankollu, l-aħjar soluzzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni legali ta' din il-kwistjoni tinsab fis-sentenza Hernández Vidal [18], li għandha ħafna karatteristiċi komuni mal-każ ineżami. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva għandha tiġi applikata fil-każ fejn impriża, wara li tkun tat kuntratt għat-tindif tal-postijiet tagħha jew

14 — Sentenza Mayeur (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 57).

15 — Sentenza tas-7 ta' Marzu 1996, Merckx u Neuhuys (C-171/94 u C-172/94, Ġabra p. I-1253, punt 28) u Hernández Vidal *et* (C-127/96, C-229/96 u C-74/97, Ġabra p. I-8179, punt 23).

16 — Sentenza tal-14 ta' April 1994, Schmidt (C-392/92, Ġabra p. I-1311, punt 14).

17 — Sentenza Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punti 11 *et seq*).

18 — Sentenza Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 25).

ta' parti minnhom lil impriża oħra, tiddeċiedi li xxolji l-kuntratt li kellha mal-oħra u li, fil-futur, tieħu personalment f'idejha x-xogħol inkwistjoni. Peress li din hija proprju s-sitwazzjoni li għandna quddiemna f'dan il-każ, il-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza msemmija jistgħu fil-fehma tiegħi jiġu trasposti għal din il-kawża. Barra minn hekk, kif ġustament irrileva l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet ippreżentati minnu fil-kawża Abler *et*[19], il-kunċett ta' "trasferiment [kuntrattwali]" ma għandux jinftiehem fis-sens li t-trasferiment irid isir esklużivament "bis-saħħa ta'" kuntratt. Fil-fatt, anki att ġuridiku unilaterali, bħalma huwa x-xoljiment ta' kuntratt li jirrigwarda l-provvista tas-servizzi ta' tindif, isir fil-kuntest ta' kuntratt u għaldaqstant jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

38. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, ix-xoljiment min-naħa tal-Ayuntamiento tal-kuntratt li kien għadu għaddej ma' CLECE u t-teħid lura tas-servizzi ta' tindif li qabel kien isir mill-impjegati ta' din l-impriża huma biżżejjed sabiex jitqies li hemm "trasferiment [kuntrattwali]" fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2001/23. Peress imbagħad li fil-każ ineżami hemm ukoll il-bidla fil-prinċipal li toħroġ minn kuntratt, jirriżulta li tnejn mir-rekwiżiti meħtieġa sabiex ikun hemm trasferiment ta' negozju huma sodisfatti.

19 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Abler *et* (sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 57).

b) Trasferiment ta' entità ekonomika

i) Il-kunċett ta' entità ekonomika

39. Kif issemma fil-bidu, id-Direttiva hija intiża li tiżgura l-kontinwità tar-relazzjonijiet ta' impjieg eżistenti fil-kuntest ta' entità ekonomika, irrispettivament minn bdil tal-proprjetarju, b'tali mod li l-kriterju deċiżiv sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm trasferiment fis-sens tad-Direttiva jikkonsisti fil-fatt li l-entità inkwistjoni żżommx l-identità tagħha[20]. Għaldaqstant, it-trasferiment għandu jkun jirrigwarda entità ekonomika organizzata b'mod stabbli, li l-attività tagħha ma tkunx limitata għat-twettiq ta' biċċa xogħol speċifika[21]. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "entità" jirreferi għal grupp organizzat ta' persuni u elementi li jippermetti t-twettiq ta' attività ekonomika li jkollha għan speċifiku għaliha[22].

40. Permezz tal-emendi introdotti bid-Direttiva 98/50, din id-diċitura ġiet sussegwentement riprodotta kważi kelma b'kelma – skont id-definizzjoni żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja – fl-Artikolu 1(1)

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Spijkers (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 11).

21 — Sentenza tad-19 ta' Settembru 1995, Rygaard (C-48/94, Ġabra p. I-2745, punt 20).

22 — Sentenza Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 13).

b) tad-Direttiva fuq it-trasferimenti tal-impriża, mingħajr madankollu ma tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187 preċedenti, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja [23]. Din is-sitwazzjoni ġiet iċċarata fil-premessa 8 tad-Direttiva 2001/23. Skont id-dispożizzjoni ċċitata, it-trasferiment irid jirreferi għal "entità ekonomika [...] jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le", entità li wara t-trasferiment iżżomm l-"identità" tagħha.

ii) Kriterji ġenerali għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' entità ekonomika

— Fuq il-kriterji individwali

41. Sabiex jiġi evalwat jekk hemmx trasferiment ta' entità skont id-definizzjoni legali msemmija, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali kollha li jikkaratterizzaw l-operazzjoni inkwistjoni. Għal dan il-għan il-Qorti tal-Ġustizzja, f'ġurisprudenza stabbilita, tirrikorri għal elenku magħmul minn seba' kriterji ta' evalwazzjoni. B'mod partikolari, fost il-kriterji hemm:(1) it-tip ta' impriża jew negozju inkwistjoni; (2) it-trasferiment jew nuqqas ta' trasferiment ta' elementi tanġibbli, bħal bini jew beni mobbli; (3) il-valur tal-elementi intanġibbli meta seħħ it-trasferiment; (4) it-teħid lura jew nuqqas ta' teħid lura tal-parti sostanzjali mill-persunal min-naħa tal-proprjetarju l-ġdid; (5) it-trasferiment jew in-nuqqas ta' trasferiment tal-klijentela; (6) il-livell ta' xebh bejn l-attivitajiet imwettqa qabel u dawk imwettqa wara t-trasferiment; (7) it-tul tal-eventwali sospensjoni ta' dawn l-attivitajiet. Madankollu, dawn l-elementi jikkostitwixxu biss aspetti parzjali tal-evalwazzjoni globali li għandha titwettaq u ma jistgħux, għalhekk, jiġu evalwati b'mod iżolat [24].

42. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet ukoll il-ħtieġa li, fl-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti, irid jittieħed inkunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, it-tip ta' impriża jew negozju li jkun. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-importanza li għandha tingħata lil kriterji differenti li juru l-eżistenza ta' trasferiment fis-sens tad-Direttiva tvarja skont l-attività eżerċitata, il-metodi ta' produzzjoni u operazzjoni

23 — Ara s-sentenza tat-12 ta' Frar 2009, Klarenberg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 40).

24 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Spijkers (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 13); Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 14); Abler *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 33), u Güney-Görres u Demir (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 33 u 34). Ara ukoll, fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar it-trasferimenti ta' impriża li tapplika fl-Istati EFTA/ŻEE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja EFTA (li tikkorrispondi għall-prinċipju ta' omoġenità fil-kuntest tad-dritt taż-ŻEE), pereżempju s-sentenzi tal-25 ta' Settembru 1996, Eidesund [E-2/95, (1995-1996) ECR 1, punt 32]; tad-19 ta' Diċembru 1996, Ulstein [(E-2/96, (1995-1996) ECR 65, punt 28], u tal-14 ta' Marzu 1997, Ask [(E-3/96, (1997) ECR 1, punt 20]. Skont il-punt 32d tal-Anness XVIII tal-Ftehim ŻEE, id-Direttiva 2001/23 tapplika wkoll għall-Istati EFTA/ŻEE.

tal-impriża, negozju jew parti ta' negozju inkwistjoni. Peress li taħt dan l-aspett, entità ekonomika tista', f'ċerti setturi, tiffunzjona mingħajr elementi tal-attiv, tanġibbli jew intanġibbli, sinjifikattivi, b'tali mod li ż-żamma tal-identità ta' tali entità wara t-trasferiment tagħha ma jistax jiddependi fuq it-trasferiment ta' tali elementi [25].

43. Dan japplika b'mod partikolari għal ċerti setturi ekonomiċi, bħalma huwa dak tat-tindif, fejn – kif ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Hernández Vidal *et* [26] – l-elementi tal-attiv, tanġibbli jew intanġibbli, ta' spiss jitnaqqsu għall-iktar espressjoni sempliċi tagħhom u l-attività tistrieħ essenzjalment fuq il-ħidma tal-impjegati [27]. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll f'din is-sentenza li, fir-rigward ta' impriża ta' tindif, grupp organizzat ta' impjegati li huwa speċifikament u fit-tul inkarigat li jwettaq funzjoni komuni jista', fin-nuqqas ta' fatturi oħra ta' produzzjoni, jikkostitwixxi entità ekonomika.

44. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ġabret il-ġurisprudenza tagħha f'formola waħda, li però hija konvinċenti minħabba li hija ċara u sempliċi. Skont l-imsemmija formola, entità ekonomika "għalkemm trid tkun biżżejjed strutturata u awtonoma, ma għandhiex neċessarjament tinkludi elementi tal-attiv, tanġibbli jew intanġibbli, sinjifikattivi" [28]. Minn din il-kwotazzjoni jistgħu joħorġu dawn il-konklużjonijiet, li huma essenzjali għall-finijiet tal-analiżi legali ta' din il-kwistjoni: jekk minn naħa jistgħu jiġu aċċettati – skont is-settur ekonomiku kkonċernat – limitazzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-eżistenza ta' elementi tal-attiv, tanġibbli u intanġibbli, min-naħa l-oħra tibqa' xorta waħda l-ħtieġa assoluta li l-entità inkwistjoni tkun "strutturata" u "awtonoma" [29].

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja stess titlaq għaldaqstant mill-premessa li s-seba' kriterji msemmija minnha sabiex ikun hemm trasferiment ta' impriża ma jridux ikunu jeżistu kollha f'daqqa. Fil-fatt, trid dejjem tittieħed inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċità tal-impriża jew tan-negozju involut u tas-settur ekonomiku kkonċernat. Dan premess, ser jiġu issa ttrattati b'mod dettaljat il-kriterji biss li huma rilevanti għal din il-proċedura preliminari li s-sussistenza tagħhom f'din il-kawża tidher li hija problematika.

25 — Sentenzi Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 18), Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 31), u Hidalgo *et* (C-173/96 u C-247/96, Ġabra p. I-8237, punt 31), u UGT-FSP (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 28).

26 — Sentenza Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 27). Ara wkoll is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2007, Jouni *et* (C_458/05, Ġabra p. I-7301, punt 32) u UGT-FSP (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 29).

27 — M. Diller / N. Grzyb, *Kurzkommentar zum Urteil in der Rechtssache Abler u.a./Sodexho MM Catering Gesellschaft mbH*, Entscheidungen zum Wirtschaftsrecht, 2004, p. 86, u G. Loibner, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, p. 135, jaqblu mal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn tgħid li l-attività ta' tindif tirrappreżenta attività kkaratterizzata ħafna mill-użu tas-saħħa tax-xogħol manwali.

28 — Sentenza Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 27).

29 — Ara s-sentenza Jouni *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 31).

46. F'dan l-istadju jeħtieġ li jiġu applikati dawn il-kriterji għall-fatti tal-kawża prinċipali.

47. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li l-entità organizzattiva li tkun teżisti qabel it-trasferiment, tibqa', bħala tali, teżisti f'forma sostanzjalment intatta anki wara t-trasferiment. Għaldaqstant, l-ewwel punt determinanti huwa dak li jiġi stabbilit jekk qabel it-trasferiment kinitx verament teżisti entità ekonomika awtonoma. Konsegwentement, fil-każ ineżami l-evalwazzjoni trid tirrigwarda esklużivament il-grupp tal-persunal responsabbli għat-tindif li kien impjegat minn CLECE fil-bini tal-Ayuntamiento. Dan premess, b'kuntrast ma' dak li sostna l-Gvern Spanjol[30], il-kwistjoni dwar jekk l-Ayuntamiento, bħala amministrazzjoni Komunali, jissodisfax ir-rekwiżiti għall-eżistenza ta' entità organizzata f'forma awtonoma hija irrilevanti.

— Ineżistenza ta' trasferiment ta' elementi tal-attiv, tanġibbli u intanġibbli

Elementi tal-attiv tanġibbli

48. Għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-kawża ineżami, jirriżulta mill-proċess li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ħadmet bla ebda dubju għal Ayuntamiento bħala membru ta' grupp ta' nies magħmul minn erba' impjegati responsabbli għat-tindif[31], u skont l-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, ma kien jintuża ebda tagħmir partikolari għal dan ix-xogħol. Dan l-aħħar fatt iwassal sabiex jiġi konkluż li, f'xogħolhom, dawn l-impjegati jiddependu speċjalment fuq ix-xogħol manwali tagħhom; u din hija r-raġuni għaliex, wara x-xoljiment tal-kuntratt tas-servizzi ta' tindif, ma sar ebda trasferiment ta' elementi tal-attiv tanġibbli lill-Ayuntamiento, bħal pereżempju installazzjonijiet, makkinarju u/jew tagħmir għat-tindif[32].

Elementi tal-attiv intanġibbli

49. Sabiex jiġi stabbilit jekk tkunx ġiet ittrasferita entità ekonomika fis-sens tad-Direttiva, huma ta' importanza mhux biss l-elementi tal-attiv tanġibbli, iżda ukoll elementi tal-attiv intanġibbli li jkunu

30 — Ara l-punt 27 tan-nota tal-Gvern Spanjol.

31 — Mis-sentenza tal-*Juzgado de lo social Nº 2 de Toledo* (Tribunal għall-kawżi tax-xogħol Nru 2 ta' Toledo) tat-13 ta' Mejju 2008, mehmuża mal-fajl mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li diversi impjegati ġew impjegati għax-xogħol ta' tindif (Taqsima "II. Fatti ppruvati", punt 4, p. 2, tad-dokument oriġinali tas-sentenza), mingħajr, madankollu, ma ġie indikat in-numru eżatt. Min-naħa l-oħra, mir-rikors tal-appell (*Recurso de suplicación*) tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, iddatat 1 ta' Lulju 2008 li ġie ppreżentat kontra s-sentenza msemmija (p. 8 minn 15) jirriżulta li CLECE, għas-servizzi ta' tindif fl-iskejjel u fil-bini tal-amministrazzjoni Komuniali, kellha erba' impjegati, u għaldaqstant il-persunal impjegat kien ftit.

32 — Ara s-sentenza UGT-FSP (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 31), kif ukoll il-punt 39 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fis-6 ta' Mejju 2010. Hemmhekk jiġi ċċarat, ġustament, li fis-settur tat-tindif, l-installazzjonijiet, il-makkinarju u t-tagħmir għat-tindif jaqgħu bħala elementi tal-attiv tanġibbli.

għad-dispożizzjoni tal-prinċipal preċedenti sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol.

50. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni ċerti aspetti li, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidentifikaw negozju jew parti minn negozju bħala entità ekonomika, bħalma huwa l-persunal li jikkostitwixxih, is-sistema ta' superviżjoni tiegħu, l-organizzazzjoni tax-xogħol tiegħu u l-modi ta' amministrazzjoni tiegħu [33]. F'dak li jirrigwarda l-ewwel tliet aspetti, li kollha kemm huma jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna ta' impriża, għandu diġà jiġi nnotat li xejn ma jindika li l-persunal, magħmul minn erba' impjegati biss, fosthom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kellu xi superviżjoni jew, iktar u iktar, ċerta struttura organizzattiva.

51. Infatti, kif jirriżulta mis-sentenza Klarenberg [34], il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikjedi livell minimu ta' organizzazzjoni interna fl-impriża, fis-sens li fost id-diversi fatturi ta' produzzjoni jrid ikun hemm rabta ta' interdipendenza u ta' komplementarjetà bejn il-fatturi u li dawn iridu jikkonkorru flimkien sabiex ikun hemm attività ekonomika speċifika [35].

52. Fi kwalunkwe każ, il-qorti tar-rinviju tgħid li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet wettqet ix-xogħol ta' tindif tagħha fl-iskejjel muniċipali u fil-bini tal-amministrazzjoni Komunali. Għaldaqstant, għandu jingħad li kull ħaddiem kien jaħdem essenzjalment b'mod indipendenti mill-oħrajn, fejn kien jirċievi struzzjonijiet li jnaddaf ċerti postijiet fi żmien stabbilit. Għaldaqstant, huwa leġittimu li wieħed jiddubita jekk f'dan il-każ humiex sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda n-natura "strutturata" u "awtonoma" tal-entità inkwistjoni [36], inkwantu wieħed jista' jippreżumi li l-attività tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u dik tal-impjegati l-oħra kienet sostanzjalment identika u li ma kienx hemm kooperazzjoni fil-kuntest ta' grupp ta' xogħol, element dan li jista' jservi sabiex tiġi affermata l-eżistenza ta' struttura organizzattiva komplessa.

33 — Ara s-sentenza Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 15).

34 — Sentenza Klarenberg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8).

35 — Ara s-sentenza Klarenberg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 47) fejn isir riferiment għall-punti 42 sa 44 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi ppreżentati fit-12 ta' Frar 2009 fl-istess kawża. Ara wkoll il-punt 56 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston tas-6 ta' Mejju 2010, UGT-FSP (sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32). F'dan is-sens ara wkoll H. J., Willemsen, *Mit oder an - §613a BGB und der Wertschöpfungsgedanke*, Festschrift für Reinhard Richardi zum 70. Geburtstag, München 2007, p. 477, fejn, fil-fehma tiegħu, l-organizzazzjoni, jiġifieri r-rabta bejn ir-riżorsi użati u l-għan speċifiku tan-negozju hija element essenzjali u indispensabbli għall-identità ta' negozju jew ta' parti minn negozju. Bl-istess mod, T. Müller-Bonanni, *Betriebsübergang – ja oder nein? – Die aktuelle Rechtsprechung zum Tatbestand des §613a BGB*, Neue Zeitschrift für Arbeitsrecht, Suppliment 1/2009, p. 14, isostni li t-trasferiment ta' impriża jippreżumi l-akkwist ta' sistema funzjonali intiża bħal organizzazzjoni tax-xogħol. L-awtur jitkellem fuq akkwist, min-naħa tal-akkwirent, ta' "sors ta' ħolqien ta' valur" f'impriża.

36 — Ara l-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53. Min-naħa l-oħra ma jistax jiġi injorat il-fatt li, normalment, l-ippjanar u l-organizzazzjoni kif ukoll l-esperjenza akkwistata u l-konoxxenza fil-qasam tal-attivitajiet ta' tindif għandhom rwol ħafna iżgħar minn attivitajiet professjonali oħra [37]. Huwa b'mod partikolari għal din ir-raġuni li l-impriżi tat-tindif jimpjegaw regolarment impjegati mingħajr kwalifiki. Huwa ċar li din il-konklużjoni ma tapplikax għal dawk l-impriżi ta' tindif speċjalizzati li għandhom tagħmir partikolari u metodi ta' xogħol partikolari. Għal impriża ta' tindif speċjalizzata, jistgħu jkunu importanti elementi tal-attiv intanġibbli bħal pereżempju, fost l-oħrajn, l-organizzazzjoni tal-fażijiet tax-xogħol, il-kalkoli, il-konoxxenza ta' ċerti proċeduri ta' tindif, metodi tax-xogħol u l-abbiltajiet akkwistati fit-trattament ta' sustanzi li jagħmlu ħsara u perikolużi.

54. Peress li fil-fajl ma hemmx indikazzjonijiet bil-kontra, irridu nitilqu mill-premessa li ebda wieħed mill-imsemmija elementi tal-attiv intanġibbli ma ġie ttrasferit lil Ayuntamiento. Irrispettivament minn dan, xejn ma jwassal sabiex jingħad li l-persunal, li minnu kienet tifforma parti r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jista' jitqies bħala servizz ta' tindif speċjalizzat fis-sens deskritt iktar 'il fuq. Dan premess, għandu jingħad pjuttost li ma kienet meħtieġa ebda abbiltà jew metodi ta' xogħol partikolari sabiex ikun jista' jitwettaq ix-xogħol inkwistjoni. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, lanqas ma jeżisti trasferiment ta' elementi tal-attiv intanġibbli.

— Distinzjoni fir-rigward tas-suċċessjoni fil-funzjonijiet

55. Peress li ma jeżistix trasferiment ta' elementi tal-attiv tanġibbli u intanġibbli, diġà f'dan l-istadju tal-analiżi tista' tiġi miċħuda, fil-prinċipju, l-eżistenza ta' entità ekonomika. Fil-każ ineżami, peress li l-Ayuntamiento llimita ruħu sabiex kompla x-xogħol ta' tindif hu, mingħajr ma ħa lura l-impjegati li qabel kienu jagħmlu dan ix-xogħol, wieħed jista' jitkellem, fil-prinċipju, fuq sempliċi "suċċessjoni fil-funzjonijiet", li skont l-iktar ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja,

37 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Abler *et* (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 71). Hemmhekk, l-Avukat Ġenerali esprima l-opinjoni li fis-settur tal-forniment tal-ikel għall-isptarijiet, il-fattur tax-"xogħol manwali" għandu rwol inqas importanti milli għandu fit-tindif u xorta waħda qatt ma jirrappreżenta l-fattur essenzjali. Barra minn hekk, skont l-Avukat Ġenerali, il-provvista tal-ikel għall-isptarijiet, bħala attività, hija differenti minn dik tat-tindif u s-sorveljanza u dan taħt żewġ aspetti. Fl-ewwel lok, apparti x-xogħol manwali, huma importanti ħafna r-riżorsi ta' produzzjoni materjali. Fit-tieni lok, il-kompetenzi akkwistati, il-konoxxenzi, l-ippjanar u l-organizzazzjoni f'dan is-settur għandhom piż ikbar minn dak li dawn għandhom fl-attività tat-tindif u ta' sorveljanza.

ma taqax bħala regola ġenerali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 [38].

56. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ġustament sostniet, il-portata tal-kunċett ta' trasferiment ta' impriża ma huwiex bla limitu [39]. Il-limitu estrem ta' din l-interpretazzjoni f'sens wiesa' ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Süzen [40], fejn hija ċċarat li s-sempliċi fatt li s-servizzi mogħtija mill-appaltatur preċedenti u dak ġdid huma simili ma jippermettix li wieħed jikkonkludi li jeżisti trasferiment ta' entità ekonomika. Fil-fehma tagħha, fil-fatt, entità ma tistax tinftiehem bħala sempliċi attività.

57. Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata mis-sentenza Hernández Vidal *et*, li, kif issemma diġà, ingħatat f'kawża li kellha ħafna elementi komuni ma' din il-kawża. Is-sitwazzjoni fattwali li kienet tinvolvi dik is-sentenza tidher li hija simili minħabba li – bħal f'dan il-każ – kellu jiġi stabbilit jekk impriża, li kienet xoljiet kuntratt għall-provvista ta' servizzi ta' tindif li kien jeżisti bejnha u bejn ditta li taħdem f'dan is-settur, sabiex tipprovdi hija stess għat-tindif tal-bini tagħha, kinitx legalment obbligata, bis-saħħa tad-Direttiva dwar it-trasferimenti ta' impriżi, li timpjega l-impjegati ta' dik id-ditta ta' tindif. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet din il-konstatazzjoni:

"Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li x-xogħol ta' manutenzjoni magħmul mill-impriża ta' tindif u sussegwentement mill-impriża proprjetarja tal-bini huma simili ma jippermettix li jiġi konkluż li hemm trasferiment ta' entità ekonomika bejn l-ewwel u t-tieni impriża. Fil-fatt, entità ta' dan it-tip ma tistax tiġi ridotta għall-attività li hija inkarigata biha" [41].

58. Fid-dawl tax-xebh evidenti bejn il-fatti tal-każ, jidhirli li tali ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għal dan il-każ. It-tkomplija tax-xogħol ta' tindif ma huwiex minnu nnifsu fattur determinanti, li jwassal sabiex jiġi konkluż li hemm trasferiment ta' entità ekonomika, iżda jikkostitwixxi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sempliċement wieħed minn diversi indikazzjonijiet possibbli.

38 — Ara s-sentenzi Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 15); Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 30) u Hidalgo *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 30). Dan huwa wkoll l-orjentament tad-duttrina. F'dan ir-rigward, ara *inter alia*, T. Majoros, *Auftragnehmerwechsel bei Großküche als Betriebsübergang*, Das Recht der Arbeit, 2004, p. 193; D. Jochums, *Betriebsübergang: Der EuGH auf Abwegen?*, Neue Juristische Wochenschrift, 2005, fajl 36, p. 2585; P. Davies, *Taken to the Cleaners? Contacting Out of Services Yet Again*, Oxford Journals, Ġunju 1997, p. 196; H. J. Willemsen, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, p. 477 u G. Thüsing, *Europäisches Arbeitsrecht*, München, 2008, punt 168, p. 168, li ma jqisux is-sempliċi suċċessjoni fil-funzjonijiet bħala trasferiment ta' impriża fis-sens tad-Direttiva 2001/23.

39 — Ara l-evalwazzjoni li għamel l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu Abler *et* (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 61).

40 — Ara s-sentenzi Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 15) u Hidalgo *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 30).

41 — Ara s-sentenza Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 30).

— Il-kriterju tat-teħid lura ta' parti sostanzjali mill-persunal

Fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

59. Il-fatt li jkun hemm suċċessjoni fil-funzjonijiet jista', fil-fehma tiegħi, jiġi miċħud eventwalment inkwantu l-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-fatti tal-kawża prinċipali li hija jkollha tagħmel, tasal għall-konklużjoni li, fil-każ ineżami, il-kriterji li juru l-eżistenza ta' entità ekonomika huma sodisfatti.

60. Madankollu, il-fatt li ebda wieħed mill-erba'jew ħames impjegati li qabel kienu jaħdmu ma' CLECE – fosthom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali – ma reġa' ġie impjegat, jista' jimmilita kontra tali konklużjoni. Effettivament, il-fatt tal-kontinwazzjoni fl-impjieg huwa, skont il-ġurisprudenza, ħjiel importanti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' entità ekonomika. Il-Qorti tal-Ġustizzja, sa mis-sentenza Süzen [42], sostniet li"[inkwantu] f'ċerti setturi fejn l-attività hija bbażata essenzjalment fuq ix-xogħol manwali, grupp ta' impjegati li jwettqu ċertu xogħol komuni b'mod stabbli jista' jikkorrispondi għal entità ekonomika, irid jiġi aċċettat madankollu li tali entità tista' żżomm l-identità tagħha minkejja t-trasferiment fil-każ fejn in-negozjant il-ġdid ma jillimitax ruħu sabiex ikompli l-attività nnifisha, iżda jieħu lura wkoll parti sostanzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, mill-persunal li qabel kien speċifikament intiż mill-predeċessur għal dan il-kompitu". Il-Qorti tal-Ġustizzja timmotiva d-deċiżjoni tagħha billi tiddikjara li"f'tali każ, [...] in-negozjant il-ġdid jakkwista fil-fatt is-sistema organizzata ta' elementi li tippermettilu jkompli bl-attività jew ċerti attivitajiet tal-impriża ċedenti b'mod stabbli".

61. Għalkemm din il-ġurisprudenza, l-istess bħall-eżami tal-kriterji l-oħra ċċitati iktar 'il fuq, twassal sabiex fil-każ ineżami tiġi miċħuda l-eżistenza ta' trasferiment ta' entità ekonomika fis-sens mogħti fid-Direttiva 2001/23, nixtieq, f'dan l-istadju, nagħmel ċerti osservazzjonijiet qosra fir-rigward tal-punti żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq. Bil-għan li nippreċiża tali ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunsiderazzjonijiet tiegħi ser ikunu intiżi essenzjalment sabiex jistabbilixxu sa fejn il-kriterju tat-teħid lura ta' parti sostanzjali mill-persunal jippermetti verament li jiġu dedotti konklużjonijiet affidabbli fir-rigward tal-fatt li jkun seħħ trasferiment ta' impriża.

42 — Ara s-sentenzi Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 21); Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 32); Temco (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 33), u Hidalgo *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 32).

L-iżvantaġġi ta' dan il-kriterju

62. Għandu jitfakkar, qabel xejn, li t-teħid lura ta' "parti sostanzjali mill-persunal" jikkostitwixxi fil-fatt il-konsegwenza legali fundamentali tad-Direttiva 2001/23 jew, b'mod iktar preċiż, tal-atti nazzjonali li jittrasponu l-istess direttiva. Fil-fatt, b'dan il-mod, wieħed jipprova jiggarantixxi l-kontinwità tar-relazzjonijiet ta' impjieg mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-każ ta' trasferiment ta' impriża [43]. Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li għolliet din il-konsegwenza legali fil-livell ta' element li jikkostitwixxi l-kriterju tat-trasferiment ta' impriża jwassal, mad-daqqa ta' għajn, għal ċerta konfużjoni mill-aspett tal-korrettezza metodoloġika tal-operazzjoni. Fil-fatt, mill-aspett tekniku regolatorju, l-istess element waħdieni ma jistax, fl-istess waqt, ikun ir-rekwiżit għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23 u fl-istess ħin konsegwenza legali tal-istess direttiva, għax inkella – kif irrileva diġà l-Avukat Ġenerali Cosmas fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża Hernández Vidal *et* [44] - ikun hemm riżultati li ma humiex loġiċi. Fil-fatt, jekk jiġi ddikjarat li b'effett ta' trasferiment ta' impriża, parti sostanzjali mill-persunal tittieħed lura jekk qabel tkun ittieħdet lura parti sostanzjali mill-persunal, dan fir-realtà jwassal għal ċirku vizzjuż [45] u ftit li xejn jista' jirrispondi wkoll għall-intenzjonijiet tal-leġiżlatur li hu l-awtur tad-Direttiva.

63. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinvolvi r-riskju – li ġie ġustament ikkritikat mill-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża Abler *et* [46] – ta' "inkompatibbiltà [...] bejn il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza" u tikkostitwixxi stedina għall-abbużi. Fil-fatt, inkwantu din il-linja ta' ġurisprudenza tinftiehem fis-sens li t-teħid lura ta' "parti sostanzjali mill-persunal" ikun ukoll ta' rilevanza deċiżiva, nispiċċaw fl-aħħar nett sabiex l-applikabbiltà tad-Direttiva tkun suġġetta għad-diskrezzjoni esklużiva tal-prinċipal il-ġdid. Dan fil-fatt jista' jwassal sabiex jiġu evitati d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tat-trasferiment ta' impriża, proprju f'setturi kkaratterizzati b'inċidenza qawwija ta' xogħol manwali, billi sempliċement il-persunal li qabel kien impjegat mal-prinċipal preċedenti ma jerġax jiġi impjegat. Huwa ċar li dan jikkuntrasta mal-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jrid jipproteġi l-impjegati fil-każ li jinbidel il-proprjetarju tal-impriża, u barra minn hekk, jirrappreżenta saħansitra inċentiv assurd għall-prinċipal il-ġdid sabiex jeħles b'dan il-mod mill-ikbar ammont possibbli

43 — Ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fl-24 ta' Settembru 1998, Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 80). Anki D. Jochums, *Betriebsübergang: Der EuGH auf Abwegen?*, Neue Juristische Wochenschrift, 2005, punt 36, p. 2584, u Y. Viala, *La maintien des contrats de travail en cas de transfert d'entreprise en droit allemand*, Droit Social, 2/2005, p. 203, jgħidu li t-trasferiment tar-relazzjonijiet ta' impjieg jirrappreżenta l-effett legali u, għaldaqstant, ma jistax fl-istess ħin ikun rekwiżit għall-ħolqien tal-każ ineżami. Fil-fehma ta' G. Loibner, iċċitat iktar 'il fuq (fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10), p. 136, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Abler evitat li tidħol fil-kwistjoni dwar jekk it-teħid lura tal-persunal jikkostitwixxix rekwiżit jew inkella effett legali tat-trasferiment ta' impriża, inkwantu hija ma tat ebda importanza lix-xogħol manwali meta mqabbel mal-attività tal-forniment tal-ikel u identifikat l-entità ekonomika b'riferiment biss għat-tagħmir.

45 — Ara wkoll il-konklużjonijiet fil-kawża Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44, punt 80).

46 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Abler *et* (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 79).

ta' impjegati, jekk mhux minn kollha kemm huma [47].

64. Fil-fehma tiegħi, madankollu, din l-interpretazzjoni msemmija hawn fuq ma tiħux inkunsiderazzjoni biżżejjed id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-kriterju u tirriżulta fuq kollox minn eżami mill-qrib wisq tal-ġurisprudenza. Fil-fatt, anki mill-kontenut tas-siltiet deċiżivi tas-sentenzi rilevanti jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra bħala element deċiżiv biss it-teħid lura ta' "parti sostanzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenza, mill-persunal". Minn dan isegwi li dan ma jirrigwardax sempliċement il-kobor fil-għadd, iżda jinvolvi wkoll u fuq kollox fatturi kwalitattivi u, b'mod partikolari, organizzattivi. Dan l-aspett ser nittrattah b'mod iktar dettaljat iktar 'il quddiem, fil-kuntest tal-identifikazzjoni ta' interpretazzjoni korretta tal-ġurisprudenza.

65. Madankollu, għandu jiġi nnotat fl-ewwel lok li, skont id-Direttiva 2001/23, prinċipal ma huwiex obbligat dejjem u f'kull każ jieħu lura l-impjegati kollha [48]. Min-naħa l-oħra, fil-fatt, id-Direttiva, permezz tad-dispożizzjonijiet tagħha, tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju fundamentali tal-awtonomija privata fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Fl-interpretazzjoni tal-att ta' dritt sussidjarju msemmi, jeħtieġ dejjem li dan il-fatt jittieħed ukoll bħala linja gwida u limitu massimu. Fil-fatt, jekk il-kunċett ta' "entità ekonomika" jiġi interpretat b'mod eċċessivament wiesa', li jwassal sabiex tingħata importanza esklużiva lill-għadd ta' impjegati li jittieħdu lura fil-każ inkwistjoni, dan jista' jwassal sabiex l-awtonomija privata tal-prinċipal tiġi limitata b'mod sproporzjonat, b'mod li dan ikun prekluż milli jistruttura r-relazzjonijiet kuntrattwali tiegħu skont l-interessi leġittimi tiegħu. F'dan il-kuntest trid tittieħed ukoll il-kritika li għamel l-Avukat Ġenerali Geelhoed [49], li ċċara b'mod konvinċenti kif l-obbligu assolut tal-prinċipal sabiex ikompli jimpjega l-persunal preċedenti jikkuntrasta mal-prinċipji tal-kompetizzjoni libera, speċjalment fis-setturi fejn il-kwalità tal-impjegati tirrappreżenta fattur importanti għall-kwalità tas-servizzi pprovduti. Jekk, pereżempju, il-prinċipal il-ġdid ikun jixtieq jimpjega persunal parzjalment ġdid għal xi attività partikolari, minħabba li l-prestazzjoni tan-nies impjegati miegħu sa dak iż-żmien tkun insuffiċjenti, l-interpretazzjoni eċċessivament wiesgħa tal-kunċett ta'"entità

47 — K. Riesenhuber, *Europäisches Arbeitsrecht*, Heidelberg 2009, it-3 parti § 24, punt 40, p. 420, ġustament jikkwalifika l-kriterju tat-teħid lura ta' parti sostanzjali mill-persunal bħala inadegwat, inkwantu b'xi mod huwa jħalli l-kriterju tat-trasferiment ta' impriża fid-diskrezzjoni tal-akkwirent, li f'każijiet simili jkun inċentivat b'mod żbaljat sabiex ma jieħu lura ebda impjegat. F'sens simili, P. Davies, *Taken to the Cleaners? Contacting Out of Services Yet Again*, Industrial Law Journal, Ġunju 1997, p. 197, isemmi saħansitra l-biża'li l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju jista' jkollu effetti negattiv għall-impjegati. L-istess awtur, fi *Transfers – The UK Will Have to Make Up Its Own Mind*, Industrial Law Journal, Ġunju 2001, p. 234, jiddikjara li ma jistax jiġi eskluż li f'każijiet simili, fejn ikun hemm involuti attività bbażata fuq ix-xogħol manwali biss, l-akkwirent jevita l-obbligi li huwa għandu taħt id-Direttiva sempliċement billi jevita li jimpjega lill-impjegati preċedenti. Dan l-awtur isemmi r-riskji marbutin ma' din is-sitwazzjoni, speċjalment fejn il-persuni l-iktar li għandhom bżonn ta' protezzjoni u li għandhom ikunu jistgħu jinvokaw id-Direttiva huma, fil-fehma tiegħu, proprju l-impjegati tal-impriżi ta' tindif, li regolarment jaħdmu b'nies mhux ikkwalifikati.

48 — Ara l-konklużjonijiet fil-kawża Abler *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 81).

49 — *Ibidem*, punt 81.

ekonomika" tipprekludi eventwalment lil dak il-prinċipal il-ġdid milli jimpjega impjegati aħjar u, minflok, dan jista' jwassal għal trattament favorevoli tal-impjegati inqas tajbin iżda li ftit li xejn jagħmel sens ekonomiku.

66. Bħala konklużjoni intermedjarja, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, f'sitwazzjonijiet bħalma hija dik tal-kawża ineżami, il-kriterju tat-teħid lura tal-persunal ma jistax jikkostitwixxi l-fattur deċiżiv. Jeħtieġ li minflok isir tentattiv ta' interpretazzjoni korretta ta' dan il-kriterju, u dan sabiex l-istess kriterju jkun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali meħtieġa.

Tentattiv ta' interpretazzjoni korretta tal-ġurisprudenza

67. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tkompli tqis dan il-kriterju bħala rilevanti, ikun xieraq, fl-interess taċ-ċertezza legali, li tiġi ppreċiżata l-ġurisprudenza tagħha dwar il-kriterju tat-teħid lura ta' "parti sostanzjali mill-persunal". Għal dan il-għan, is-sens u l-għan tad-Direttiva dwar it-trasferimenti ta' impriżi jikkostitwixxu l-punt tat-tluq għal dan l-eżerċizzju.

68. L-analiżi tad-Direttiva 2001/23 kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet tal-leġiżlatur li fuqhom hija bbażata turi li t-tkomplija tal-użu tal-organizzazzjoni tan-negozju maħluqa mill-predeċessur kif ukoll tal-vantaġġ li jirriżulta minnha fir-rigward tal-ħolqien ta' ċentru jew fergħa ta' negozju, tirrappreżenta r-raġuni aħħarija u l-bażi legali wara s-surroga obbligatorja tal-akkwirent fl-assi tan-negozju fir-relazzjonijiet kollha ta' impjieg eżistenti [50]. Skont il-loġika li fuqha hija bbażata din il-leġiżlazzjoni, wieħed jista' jimponi fuq il-proprjetarju l-ġdid li – meta huwa jibbenefika mill-attiv ekonomikament essenzjali ta' xi negozju li qabel kien jibbenefika minnu l-proprjetarju preċedenti – huwa jimpjega wkoll lill-persuni li kienu jaħdmu hemmhekk. Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-impjegati tiġi ggarantita bis-saħħa tal-fatt li huma ma jinfirdux mill-bażi tax-xogħol tagħhom u preċiżament mill-imsemmi attiv ekonomiku permezz ta' strateġiji li jinvolvu t-trasferiment ta' impriżi [51].

69. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja turi li anki din tal-aħħar tibbaża ruħha fuq din l-interpretazzjoni tad-Direttiva, pereżempju,

50 — F'dan is-sens, G. Thüsing, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 38), punt 168, p. 168; J. Willemsen, "Erneute Wende im Recht des Betriebsübergangs – ein 'Christel Schmidt II'-Urteil des EuGH", *Neue Zeitschrift für Arbeitsrecht*, 2009, p. 292, kif ukoll D. Jochums, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 38), p. 2585. Jochums jinterpreta tali leġiżlazzjoni fis-sens li l-vantaġġ ekonomiku – l-organizzazzjoni eżistenti – jiġġustifika l-invażjoni fil-libertà tal-kummerċ tal-akkwirent minħabba l-effetti legali imposti. T. Müller-Bonanni, *Betriebsübergang – ja oder nein? – Die aktuelle Rechtsprechung zum Tatbestand des §613a BGB*, Neue Zeitschrift für Arbeitsrecht, 1/2009, p. 14, jaċċenna għall-fatt li l-persuna li tiġi ssurrogata b'mod obbligatorju fir-relazzjonijiet tax-xogħol huwa l-korrispettiv tal-fatt li l-akkwirent jakkwista organizzazzjoni tax-xogħol maħluqa minn terza persuna, u għaldaqstant tiffranka li toqgħod toħloq struttura hi.

51 — F'dan is-sens jitkellem ukoll G.-P. Reissner "Anmerkung zum Urteil in der Rechtssache C-340/01, Carlito Abler u.a./ Sodexho MM Catering Gesellschaft mbH" ZESAR, 3/2004, p. 141.

meta hija tissuġġetta l-possibbiltà li jitqies li seħħ trasferiment ta' impriża għar-rekwiżit li l-akkwirent jirċievi diversi fatturi ta' produzzjoni li huma marbutin funzjonalment, li jippermettulu jkompli attività ekonomika analoga [52].

70. Minnu nnifsu, it-trasferiment ta' parti sostanzjali mill-persunal fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq ma jgħidx wisq dwar il-kwistjoni dwar jekk hemmx vantaġġ simili għall-akkwirent. Il-vantaġġ li jirriżulta minn trasferiment tal-persunal normalment iktar jista' jiġi evalwat b'riferiment għall-kwalità tal-impjegati ttrasferiti, jiġifieri skont il-kompetenza u l-esperjenza tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja tafferma b'mod partikolari għal din ir-raġuni li entità ekonomika tista' żżomm l-identità tagħha anki wara t-trasferiment jekk il-proprjetarju l-ġdid tal-impriża jerġa' jimpjega parti sostanzjali, "f'termini ta' numru *u ta' kompetenza*", mill-persunal speċifikament użat b'mod immirat mill-predeċessur għal din l-attività. Il-kriterju tan-"numru"'tal-impjegati li jittieħed lura jieħu importanza għalih minħabba r-rabta mal-kriterju tal-"kompetenza", li hija rilevanti minħabba l-konġunzjoni "u". Iż-żewġ kriterji għandhom rabta stretta kuntestwali inkwantu n-numru ta' impjegati disponibbli jista' joffri indikazzjoni indiretta fir-rigward tal-livell ta' organizzazzjoni. Min-naħa tagħha, l-organizzazzjoni hija meħtieġa biss meta jkun hemm bżonn ta' tqassim tax-xogħol, ħaġa li min-naħa tagħha teħtieġ speċjalizzazzjoni settorali u għaldaqstant ċerta kompetenza. Dan l-aħħar fatt qiegħed jissemma minħabba l-parti li tikkonċerna l-użu ta' dawk l-impjegati għall-fini ta' xi attività speċifika ("speċifikament allokat [...] għal dan il-kompitu"). L-għoti ta' importanza fundamentali għan-numru ta' impjegati li ttieħdu lura jirrappreżenta b'mod ċar l-effett ta' evalwazzjoni purament superfiċjali.

71. It-teħid lura tal-impjegati jista', eventwalment, jingħata valur ta' indizzju sa fejn xi wħud minn dawn l-impjegati jirrappreżentaw elementi tal-attiv intanġibbli minħabba pereżempju n-"know-how" tagħhom [53]. Madankollu, il-konklużjoni dwar

52 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-12 ta' Frar 2009, Klarenberg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 48); Hernández Vidal *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 32); Süzen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 17), u tad-19 ta' Settembru 1995, Rygaard (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, punt 21). Fil-fehma ta' G.-P. Reissner (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51) p. 141, il-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika dejjem jekk il-proprjetarju l-ġdid ikomplix juża assi ekonomikament essenzjali li kellu l-proprjetarju preċedenti, irrispettivament mill-mod kif ġew fil-pussess tiegħu.

53 — F'dan is-sens jitkellem ukoll D. Jochums, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, p. 2585. Bl-istess mod ukoll titkellem il-Qorti tal-Ġustizzja EFTA, li tattribwixxi lill-kriterju kwantitattiv valur indikattiv biss, iżda biss u inkwantu l-impriża tkun ikkaratterizzata b'livell għoli ta' kompetenzi speċjalizzati tal-persunal tagħha. Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, Eidesund (punt 43), Ulstein (punt 36) u Ask (punt 29) ("in cases where a high percentage of the personnel is taken over, and where the business of the first service provider is characterised by a high degree of expertise of its personnel, the employment of that same personnel by the second service provider may support a finding of identity and continuity of the business. If the work to be performed does not require any particular expertise or knowledge, the taking-over of personnel becomes less indicative of the identity of the undertaking").

l-eżistenza ta' xi kompetenza, ibbażata fuq is-sempliċi numru ta' impjegati preżenti u/jew ittrasferiti, ma hijiex vinkolanti, u dan peress li l-kriterju tat-trasferiment ta' parti sostanzjali mill-persunal ma għandux, f'kull każ, jitqies l-uniku kriterju determinati sabiex jiġi evalwat jekk kienx hemm verament trasferiment ta' impriża [54].

72. Jekk, madankollu, tiġi applikata l-ġurisprudenza skont il-kunċett deskritt hawn fuq, jiġifieri flimkien mal-fattur tal-"kompetenza", xorta waħda jirriżulta li huwa impossibbli li jiġi affermat li f'dan il-każ hemm entità ekonomika, iktar u iktar fejn, fl-ewwel lok, ebda wieħed mill-impjegati li qabel kienu impjegati ma ttieħed lura u, fit-tieni lok, ma jeżistux elementi sabiex jitqies li l-persunal kellu xi kompetenza partikolari, bħal abbiltà jew metodi ta' xogħol partikolari [55].

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, fil-każ ineżami ma teżistix – la abbażi ta' applikazzjoni diretta, u lanqas fuq l-interpretazzjoni hawn proposta tal-ġurisprudenza msemmija, orjentata skont is-sens u l-għan tad-Direttiva 2001/23 – entità ekonomika fis-sens tal-Artikolu 1(1)(b) tad-direttiva msemmija, li setgħat tkun is-suġġett ta' trasferiment ta' impriża.

iii) Konklużjoni parzjali

74. B'mod speċifiku, ma jidhirx li jeżisti xi wieħed mill-elementi tal-attiv tanġibbli u intanġibbli meħtieġa għat-twettiq tal-attività ta' tindif li setgħu jindikaw l-eżistenza ta' entità ekonomika ta' dan it-tip. Għaldaqstant, it-tielet rekwiżit meħtieġ sabiex tapplika d-Direttiva 2001/23 għall-każ ineżami ma jirriżultax li huwa sodisfatt.

c) Rilevanza ġuridika tar-rekwiżit tal-impjegar ta' persunal ġdid

75. L-evalwazzjoni magħmula hawn fuq ma tinbidilx lanqas jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħħar aspett parzjali tad-domanda preliminari magħmula. Fid-domanda rigward l-applikabbiltà tad-Direttiva 2001/23, il-qorti tar-rinviju għamlet riferiment espress ukoll għall-fatt li l-Ayuntamiento kellu l-ewwel jimpjega impjegati ġodda sabiex ikun jista' jwettaq fil-futur personalment l-attività ta' tindif. Madankollu, la fid-Direttiva 2001/23 u lanqas fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tingħata importanza lil eventwali ħtieġa tal-impriża li timpjega nies ġodda. Għaldaqstant, dan il-fatt ma jistax minnu nnifsu jiġġustifika r-rikonoxximent tal-eżistenza ta' trasferiment ta' impriża fis-sens tad-Direttiva. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li jridu jiġu impjegati nies ġodda lanqas ma jippermetti li jiġu dedotti konklużjonijiet li jorbtu fir-rigward ta' jekk humiex sodisfatti l-kriterji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja li ġew eżaminati fid-dettall iktar 'il fuq. Fil-fatt, il-ħtieġa li jiġu impjegati nies ġodda

54 — Ara G. Thüsing, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 13, p. 168 fejn iż-żamma tal-identità hija kunċett tipoloġiku: ebda wieħed minn dawk il-kirterji ma jikkostitwixxi element neċessarju jew element suffiċjenti biex ikun hemm trasferiment ta' impriża.

55 — Ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tista' tindika wkoll sempliċi suċċessjoni fil-funzjonijiet. Dan japplika iktar fil-każ li – bħal f'dan il-każ – l-ebda impjegat ma ttieħed lura u li jiġu impjegati esklużivament impjegati ġodda, permezz tal-intervent ta' ċentru għat-tiftix tax-xogħol, għal attivitajiet identiċi mill-aspett funzjonali. Għaldaqstant, proprju minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gvern Spanjol, b'mod assolutament korrett, jikklassifika l-operazzjoni inkwistjoni bħala "transferencia de funciones" (trasferiment ta' funzjonijiet) bejn CLECE u l-Ayuntamiento [56].

76. Ir-rekwiżit tal-impjieg ta' impjegati ġodda msemmi mill-qorti tar-rinviju jirrappreżenta biss kriterju sabiex ikun hemm sitwazzjoni prevista taħt dispożizzjoni tal-ordinament ġuridiku nazzjonali Spanjol, jiġifieri l-Artikolu 14 tal-Ftehim Kollettiv dwar ix-xogħol ta' tindif. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2001/23, kif ukoll abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tibqa' intatta l-fakultà tal-leġiżlatur nazzjonali sabiex jadotta dispożizzjonijiet interni li jeċċedu dak li hu previst mid-direttiva msemmija, liema dispożizzjonijiet, bħal f'dan il-każ, jagħtu lill-ħaddiem protezzjoni iktar sħiħa [57]. Din hija l-espressjoni ta' dik l-armonizzazzjoni parzjali mfittxija mid-Direttiva, li ma hijiex intiża li tistabbilixxi livell ta' protezzjoni uniformi għall-Unjoni Ewropea kollha permezz ta' kriterji komuni, iżda minflok hija intiża li testendi l-protezzjoni ggarantita lill-impjegati anki għall-każijiet ta' trasferiment ta' impriża b'mod indipendenti mid-dritt tal-Istati Membri individwali [58].

77. Il-leġiżlatur Spanjol uża din il-possibbiltà flimkien mal-Artikolu 14 tal-Ftehim Kollettiv dwar ix-xogħol ta' tindif. Skont din id-dispożizzjoni, impriża li tibda tieħu ħsieb personalment ix-xogħol ta' tindif li qabel kien fdat lil impriża oħra hija obbligata xorta waħda li tieħdu lura lill-impjegati ta' din tal-aħħar jekk, għat-twettiq ta' dak ix-xogħol, hija trid timpjega nies ġodda. Madankollu, huma biss il-qrati nazzjonali li għandhom jistabbilixxu jekk u sa fejn l-Artikolu 14 tal-Ftehim Kollettiv imsemmi japplikax f'dan il-każ, inkwantu din id-dispożizzjoni tmur lil hinn minn dak ipprovdut fid-Direttiva 2001/23 u ma ssib ebda riflessjoni fid-dritt tal-Unjoni.

78. Għalkemm l-Artikolu 14 tal-Ftehim Kollettiv ma huwa rilevanti xejn għall-finijiet tar-risposta li għandha tingħata lil din

56 — Ara l-punt 27 tan-nota tal-Gvern Spanjol.

57 — Ara s-sentenzi Foreningen af Arbejdsledere i Danmark (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 26), tas-6 ta' Novembru 2003, Martin *et* (C-4/01, Ġabra p. I-12859, punt 41), u Juuri (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 23).

58 — Ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

id-domanda preliminari, għandu jiġi osservat madankollu li fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti nazzjonali ċaħdet espressament li l-Artikolu 14 imsemmi japplika għal dan il-każ, u semmiet is-sentenza tat-Tribunal Supremo Spanjol tal-10 ta' Diċembru 2008 [59]. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta b'din il-konstatazzjoni tal-qorti tar-rinviju, li tirrigwarda esklużivament id-dritt nazzjonali.

d) Riżultat tal-analiżi

79. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nikkonkludi li d-Direttiva 2001/23 ma tapplikax għal sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali.

## VII — Konklużjoni

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domanda preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha kif ġej:

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva ma tapplikax għal sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali, fejn l-amministrazzjoni Komunali, li qabel kienet qabbdet impriża privata għat-tindif tal-bini tagħha, ixxolji sussegwentement dan il-kuntratt sabiex twettaq hija stess is-servizz ta' tindif, meta din l-amministrazzjoni ma terġax timpjega parti sostanzjali, f'termini ta' numru u kompetenza, mill-persunal li qabel kien impjegat mal-impriża privata għal din l-attività.

59 — Ara l-paġni 5 u 6 tad-digriet tar-rinviju, kif ukoll il-punti 15 u 16 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.